**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 52**

**Data:** It-Tlieta, 23 ta' Novembru 2021
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Amministrattiva Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

**Preżenti fil-Binja Amministrattiva**:
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Perit Graziella Galea – Membru

**Skużat:**
Is-Sur Anthony Mifsud – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**52.1 Ittri ta' Apoloġija**

52.1.1 Il-President inform li s-Sur Anthony Mifsud kien jinstab imsiefer fuq laqgħa tal-Kumitatt tar-Reġjuni u għaldaqstant intalab li jkun skużat mil-laqgħa.

52.1.2 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-apoloġiji preżentati.

**52.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.51**

52.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

52.2.2 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev Paul Farrugia u s-Sur Joe Cordina, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**52.3 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 51**

| | |
|---|---|
| **52.3.1 Fun Run tal-President** | Il-President semma li kien hemm Kunsilli Lokali li ħadmu ħafna sabiex jilħqu l-miri li kellhom. Irringrazzja wkoll lil kull min ta' sehmu u semma wkoll li l-AKL assistit bil-ħaddiema tagħha kull fejn kien hemm ħtieġa sabiex kollox jimxi kif skedat. |
| **52.3.2 Sejħa għall-AEDs** | Il-President semma li t-tender kien sar u li s-sejħa kienet ser tagħlaq fl-10 ta' Diċembru. |
| **52.3.3 Interactive Screen** | Il-President semma li dan kien inxtara u twaħħal. |
| **52.3.4 Internal Green Wall** | Il-President semma li dan kien ġie ordnat direttament mingħand is-supplier ġewwa l-Italja sabiex b' hekk l-ispiża ġiet inqas. Semma li ser ikun wkoll qed iħalsu shipping fee direttament kif ukoll l-installazzjoni. Ix-xogħol għandu jibda sa l-aħħar tas-sena. |
| **52.3.5 Green Wall u Green Roof** | Il-President semma li x-xogħol fuq il-Green Roof kien beda, kien sar xi xogħol preliminari mill-Perit kif ukoll xogħol ieħor strutturali. Semma wkoll li l-istruttura tal-Green Wall fuq in-naħa ta' barra tal-binja kienet ġiet installata. Semma li qed |

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

ikun hemm laqgħat regolari mal-kuntrattur. Semma li ser isir ukoll rinovar ta' sistema tad-dawl tal-bejt u kisi u tubjid fejn meħtieġ.

**52.3.6 Proġett mill-Aġenzija għall-Ilma u Enerġija**

Il-President semma li sa issa l-ebda Reġjun ma kien innomina lokalita' li tkun tista' tipparteċipa f' dan il-proġett. Semma li s-Segretraju Eżekuttiv ser tkun qed terġa' tibgħat komunikazzjoni biex titlob din l-informazzjoni lir-Reġjuni.

**52.3.7 Tender Organic Waste Collection f' żoni turistiċi matul tmiem il-ġimgħa minn stabbilimenti tal-ikel.**

Il-President semma li l-kuntrattur li kien fetaħ il-każ quddiem il-PCRB rigward Lot 2, issa kien ħa d-deċiżjoni tal-PCRB quddiem il-Qorti. Il-President semma li kawża ta' hekk ser ikun hemm dewmien sabiex ikun jista' jinbdea dan il-proġett. Semma li qiegħed f' komunikazzjoni mal-Avukat Ġenerali sabiex naraw il-possibbilita' jekk l-AKL tkunx tista' tagħmel rikors sabiex tibda l-proġett fuq il-kumplament tal-Lots peress li fuqhom m' hemm l-ebda appell. Semma wkoll li hemm verbal skedat għad- 29 ta' Novembru 2021.

**52.3.8 Vacancy mal-AKL**

Il-President semma li dan il-proċess beda mal-Jobsplus madwar tliet ġimgħat ilu. Semma li kontinwament qed tintbgħat komunikazzjoni lill-Jobsplus imma jidher li l-proċess huwa mwaqqaf.

**52.3.9 Arbli tal-bnadar**

Il-President semma li l-arbli kienu waslu Malta imma l-AKL ġiet mitluba tħallas d-dazju peress li ġew impurtati mill-Ingliterra. Semma li hemm spiża ta' madwar €2,000. Huwa kkonkluda li 69 ġew jiswew madwar €6,000 bid-dazzju u shipping imħallas. Semma li kien sar arranġament ma' kumpanija privata għall-self ta' box container fejn dawn ser ikunu jistgħu jinżammu. Dan ser isir bla ħlas iżda ser ikun hemm bżinn issir nefqa minima biex dan jiġi tranġat.

**52.3.10 Delegazzjoni Entente Florale**

Il-President semma li fil-bidu ta' Novembru kienu ġew id-delegazzjoni sabiex jaraw il-possibbilita' ta' żoni li setgħu jissieħbu fil-kompetizzjoni anwali ta' Entente Florale. Semma li qed jaraw il-possibbilita' wkoll li ssir konferenza f' Malta għall-ħabta ta' Frar 2022. Il-President semma li minħabba il-ħin limitat kemm tiegħu kif ukoll l-impennji varji tas-Segretraju Eżekuttiv huwa propona li s-Sindku tal-Qrendi, is-Sur David Schembri jingħata l-inkarigu sabiex jorganizza u jieħu ħsieb l-applikazzjoni għall-lokalitajiet f' Malta li jridu jikkompetu. Dan peress li s-Sur Schembri kien assista d-delegazzjoni fil-jiem li kienet Malta. Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv qabel mal-proposta tal-President. Il-President preżenta ittra mibgħutha mid-delegazzjoni. Ittra anessa u

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

mmarkata bħala Dok A.

**53.3.11 Ikla tal-Milied**

Il-President fakkar li l-ikla tal-Milied ser issir nhar il-11 ta' Diċembru ġewwa l-Intercontinental Hotel. Semma li għal din l-ikla kien ser jattendi l-President ta' Malta u s-Sa. Vella. Għaldaqstant, waqt din l-attivita' l-AKL kienet ser tirrappreżenta d-donazzjoni miġbura mill-Kunsilli Lokali waqt il-President's Fun Run 2021.

Il-President fakkar ukoll li l-ikla tal-Eżekuttiv kienet ser tiġi organizzata nhar it-Tlieta, 21 ta' Diċembru.

**52.4 Estimi Finanzjarji għas-Sena 2022**

52.4.1 Il-President preżenta l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2022. Semma li wara sensiela twila ta' laqgħat kemm mas-Segretarju Permanenti għall- Gvern Lokali kif ukoll mas-Segretarju Permanenti tal-Fiinanzi, l-AKL għall-ewwel darba ingħatat allokazzjoni ta' €475,000.

52.4.2 Il-President semma wkoll li fl-Estimi jidhru wkoll dħul li dieħel mill-Ministeri għall-proġetti partikolari bħal dak tal-Kontroll tal-ħamiem selvaġġ kif ukoll il-ġbir ta' skart organiku minn stabbilimenti tal-ikel f' żoni turistiċi fi tmiem il-ġimgħa.

52.4.3 Il-President semma li hemm ukoll inkluż proġetti kapitali fosthom tisbieħ taż-żona tal-parkeġġ tal-binja amministrattiva tal-AKL kif ukoll l-installazzjoni ta' passengers lift fil-Binja.

52.4.4 Il-President semma li d-dettalji kollha jinstabu fl-overview ta' l-istess rapport.

52.4.5 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Micheal Fenech Adami u Chev. Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-Estimi hekk kif preżentati.

**52.5 Komunikazzjoni mill-President**

**52.5.1 Rinovar tal-parkeġġ**

Il-President semma li hekk kif kien inkluż fl-Estimi Finanzjarji, l-AKL ser tkompli tfassla il-proġett ta' rinovar tal-parking area li hija tokkupa. Semma li l-ispiża m'għandiex taqbeż is-€600,000.

**52.5.2 Housing Fund**

Il-President semma li s-Segretarju Eżekuttiv kienet attendiet laqgħa organizzata mill-Malta Enterprise rigward il-Housing Fund. Il-President semma li peress li dawn il-proġett ser ikunu qed isiru fil-lokalitajiet huwa

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

ser ikun qed jitlob laqgħa ma' Chairperson ta' dan il-fond.

**52.5.3 Ħaddiema CIES – Performance Bonus**

Il-President fakkar li l-AKL għandha żewġ impjegati fuq bażi part-time taħt l-iskema CIES u li dawn jagħmlu xogħol ta' clearners u anki upkeeping bażiku tal-binja. Huwa fakkar li s-salarju tagħhom jiġi kollu mill-iskema li kienet ħarġet id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Spjega wkoll kemm dawn il-ħaddiema minkejja d-diffikultajiet fl-abbilitajiet tagħhom huma leali lejn il-post tax-xogħol u dejjem issibhom sabiex jassistu fejn ikun hemm bżonn. Għaldaqstant, anki bħal inkoraġġiment huwa kien qed jipproponi li fl-aħħar tas-sena l-AKL tkun qed tagħtihom performance bonus sa massimu ta' 6% tas-salarju bażiku tagħhom. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Joe Cordina, l-Eżekuttiv approva din il-proposta.

**52.5.4 MoU Organic Waste**

Il-President semma li kien ġie ffirmat l-MoU mal-Ministeru tal-Ambjent sabiex ikunu jistgħu jagħddu l-fondi għall-proġett ta' ġbir ta' skart organiku minn stabbilimenti kummerċjali, f' żoni turistiċi matul tmiem il-ġimgħa.

**52.5.5 Korsijiet tailor-made mill-IPS**

Il-President semma li l-AKL irċeviet korripsondenza mingħand l-IPS li tista' tfassal taħriġ tailor-made għall-ħtiġijiet tal-Assoċjazzjoni. Il-President semma li matul is-sena d-dieħla l-AKL ser tkun qed tara l-possibbilita' li taħdem fuq din il-proposta sabiex jiġi mfassal taħriġ għall-Membri Eletti u ħaddiema tal-Kunsilli Lokali.

**52.5.6 Skart Riċiklabbli**

Il-President semma li l-Wasteserv u l-ERA kienu waslu għall-ftehim li l-AKL kienet qed taqbel miegħu. Huwa d-dettalji ta' dan il-ftehim.
Il-President semma li waqt laqgħat li jkollu mal-Ministeru tal-Ambjent, huwa sikwiet jinsisti li ma jagħmel l-ebda sens li ndaħħlu l-miżuri tal-pjan tal-immaniġjar tal-iskart biċċa biċċa bla ma nafu t-timeline ta' meta ser jidaħħlu l-kumplament tal-miżuri. Dan qed joħloq problemi fil-lokalitajiet bħalma huwa l-każ ta' l-obbligu fuq il-Kunsilli Lokali li jindividwalizzaw siti għall-bring in sites. Huwa semma li l-Kunsilli Lokali u Reġjonali għandhom ikollhom responsabbilita' sħiħa ta' l-immaniġjar ta' dawn is-siti. Din ser tibqa' l-pożizzjoni

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

tal-AKL hekk kif ikkomunikata lill-Ministeru għall-Ambjent.

**52.5.7 Tribunal Industrijali Isabella Testaferrata De- Noto vs AKL**

Il-President semma li l-każ kien għadu għaddej. Semma li l-AKL ma kinitx qed tattendi għas-seduti li fihom s-Sa. De Noto kienet qed tressaq ix-xhieda tagħha. Dan peress li ijlha seduta wara oħra tagħti x-xhieda tagħha, kważi kważi għall-3 snin sħaħ. Il-President semma li l-AKL kienet qed titlob transcipts kollha. Semma wkoll li kien hemm membri tal-Eżekuttiv li ittellgħu xhieda.

**52.5.8 Kunsillier Kunsill Lokali Naxxar**

Il-President semma li kien talab lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar biex jaraw jekk hemmx l-istess sentiment bejn il-kumplament tal-Kunsilliera fil-konfront tal-AKL. Dan wara li kunsillier partikolari konsistentament jikteb pubblikament kontra l-AKL. Il-President talab ukoll lis-Sindku u lis-Segretraju Kunsill Lokali tan-Naxxar sabiex jekk hemm bżonn jattendi laqgħa tal-Kunsill Lokali.

**52.5.9 Tilqima tal-Influwenza**

Il-President semma li min-naħa tiegħu kien bagħat lill-Ministru tas-Saħħa u anki li CEO tas-Saħħa u l-Kura Primarja sabiex jara kif ser ikun l-operat sabiex jitlaqmu r-residenti kontra l-influwenza. Il-President semma li wara nuqqas ta' komunikazzjoni kien irċieva mingħand is-Saħħa u l-Kura Primarja li t-tilqim ser jingħata biss mill-Health Centres.

**52.5.10 Skemi mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.**

Il-President semma li jinstab ferm urtat b' ilmenti li qed ikollu minn Kunsilli Lokali diversi li wara li jkunu ħadu xogħol kbir u anki ħafna minnhom anki jidħlu fi spejjez ta' Periti u professjonalisti oħra sabiex jissottomettu applikazzjoni, dawn il-Kunsilli sempliċiment qed jintqal lilhom li ma ġabux biżejjed marki sabiex jibbenifikaw. Semma wkoll li s-sistema minnha infisha ma tippermettix għall-appell. Semma li huwa jsostni li s-sistema ta' skemi tiġi mneħħija kompletament u l-Kunsill jingħata allokazzjoni biżejjed abbażi ta' business plan serju li huwa jkun preżenta. Is-Sur Micheal Fenech Adami semma li bħala Reġjun għandhom jinagħtaw l-opportunita' li japplikaw għall-skemi.

**52.5.11 Charging Pillars**

Il-President semma li kien hemm żewġ laqgħat ta' konsultazzjoni waħda li saret f' Malta u oħra f' Għawdex. Fakkar li l-AKL kienet ser tħallas spejjeż relatati mal-laqgħa li ġiet organizzata f' Malta.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**52.5.12 GoTo**

Il-President semma li minkejja huwa kien ijlu li talab għal-laqgħa ma' diriġenti mill-kumpanija GoTo, din il-laqgħa tħassret għaliex ma jridux jixxerjaw informazzjoni li għandhom sabiex abbażi tagħha wieħed ikun jista' jiġġustifika t-talba tagħhom għall-żieda ta' parkeġġi.

**52.5.13 Legal Notice AKL 363.06**

Il-President semma li waqt il-laqgħa preċedenti kien talab sabiex l-Eżekuttiv idur l-Avviż Legali li bih hija mwaqqfa l-AKL minħabba xi emedni li jistgħu jkunu proposti. Il-President semma li huwa xtaq jagħddi emenda sabiex il-President tal-AKL jiġi wkoll bħal Presidenti tar-Reġjuni, għaldaqstant dan m' għandux ikun Sindku jew Kunsillier fl-lokalita' oħra. Ir-raġunijiet huma l-istess għal dawk tal-Presidenti Reġjonali u barra dan huwa tenna li qed ikun impossibbli li jagħti kontribut kif meħtieġ fil-lokalita' tiegħu minħabba impennji tal-AKL. L-Eżekuttiv iddiskuta fid-dettal din il-proposta u minkejja li kollha kienu jaqblu mal-prinċipju, is-Sur Micheal Fenech Adami u s-Sa. Graziella Galea talbu li din l-emenda għandha ssir fil-ħin opportun u mhux issa eżattament wara Elezzjoni tal-AKL. Dr. Samuel Azzopardi kkonkluda li minkejja li l-Eżekuttiv qed jaqbel din tidaħħal fil-mument opportun wara diskussjoni mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

**52.6 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 51**

52.6.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi u Chev Paul Farrugia u ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn d-29 t' Ottubru 2021 u 23 ta' Novembru 2021 li kienet tammonta għall-€111,352.12.

**52.7 Affarjiet Oħrajn**

52.7.1 Is-Sur Micheal Fenech Adami semma li kien attenda konferenza ġewwa Luven f' isem l-AKL fuq il-proġett Active Local Europe. Is-Sur Fenech Adami semma li kienet konferenza interessanti ħafna u li membru minn Malta kien ser jiġi magħżul sabiex jifforma parti minn Kumitatt li dan il-proġett kien ser jifforma.

52.7.2 Chev. Paul Farrugia semma kif huwa jinstab uratat kif minkejja d-diversi talbiet li għamel lill-Ministru Onor. Jose Herrera kif ukoll minkejja li l-istes sMinistru wiegħdu li ser ikun qed jaħdem fuq il-proposta tiegħu li r-Reġjun Xlokk jibqa' Reġjun Xlokk u ma jsirx Reġjun Port. Semma li dan seta' jsir permess ta' emenda fil-liġi fl-isem tar-Reġjun. Semma li minkejja d-diversi wegħdiet il-Ministru ma żammx kelmtu u ta' dan ser ibgħati r-Reġjun.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**52.8 Aġġornament**

52.8.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tlieta, 21 ta' Diċembru 2021 fis-sitta ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.53 li nżammet nhar it-Tlieta, 21 ta' Diċembru fis-sitta ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**

Dr. Rüdiger Paul Kirsten
President of AEFP
Association Européenne pour le Fleurissement et le Paysage
6 Coolamber Park, Knocklyon, Dublin 16, Ireland. D16Y1F7

Erfurt 14/11/21

**Mr. Mario Fava**
**President,**
**Local Councils' Association Malta.**

**Re: Recent AEFP visit to Malta.**

Dear Mario,

On behalf of the AEFP Organisation, Dr Christy Boylan, AEFP Jury Chair, Bill Kearney, AEFP Secretary General and myself, I wish to thank you and your colleagues at the Local Council's Association of Malta, for your hospitality throughout our recent visit to your wonderful country. Noel was very helpful in ensuring that we had a projector and screen in operation at the hotel for the presentation on the assessment criteria.

We are particularly indebted to your esteemed colleague and fellow Mayor, Mr. David Schembri and driver Ian, who provided us with a unique opportunity to experience first-hand the beautiful towns, villages, landscape and built heritage of Malta and Gozo. We appreciated learning about your country from David, who possesses great knowledge of its history and environment and culture.

It was indeed beneficial and fruitful to meet with yourself and Ms. Lianne Cassar at the Malta L.C.A. Head Office. We also enjoyed the opportunity to meet with some of your fellow Mayors during our visits to their local constituencies.

Our visit has clearly strengthened the ties between our two organisations. The involvement of Malta in the Entente Florale Competition in 2022 is most welcome and will no doubt prove very beneficial for all concerned.

Yours sincerely,

Rüdiger Paul Kirsten

-------------------------------------------
**Dr. Rüdiger Paul Kirsten**
**President A.E.F.P.**